# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Mark Anthony Ferris**

Il-Qorti, wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta` **Mark Anthony Ferris,** detentur tal-karta tal-identita bin-numri 247272M li permezz tagħhom huwa ġie akkużat talli

(a) Nhar is-16 ta' Lulju 2012 u fix-xhur ta' qabel uża apparat ta' telekomunikazzjoni u għamel użu ieħor mhux xieraq bih u dan bik ksur tal-Artikolu 49(c) tal-Kap 399;

(b) Nhar is-16 ta' Lulju 2012 u fix-xhur ta' qabel ta fastidju lil Silvana Ferris u b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan kien ta' fastidju għal Silvana Ferris u dan bi ksur tal-Artikolu 251A tal-Kap 9.

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet kontra l-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti eżibiti;

Semgħet lil parte civile;

***Ikkunsidrat : -***

Il-Qorti għarblet ix-xiehda kollha mresqin quddiemha skont il-kriterja stabbiliti fl-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali u f'dan il-każ hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-fatti seħħew kif joħroġ mill-assjem tax-xiehda tal-prosekuzzjoni u l-parte civile f'dan il-każ.

Il-Qorti rat sewwasew li s-sitwazzjoni bejn l-imputat u l-parte civile f'dan il-każ hija waħda li saret imqanqla ferm. Hija ħasra għaliex bejn il-parte civile u l-imputat kien hemm relazzjoni u li minnha twieldu mhux wieħed, iżda żewġt itfal, fi spazju ta' ftit snin bejniethom. Pero bħal ma ġieli jiġri, meta ċerti relazzjonijiet bejn mara u raġel jispiċċaw, uħud minnhom iħallu ħerba warajhom.

Minkejja t-tensjonijiet qawwija li f'ċerti waqtiet kienu jinħassu wkoll fl-awla minħabba ċerti inċidenti li inqalgħu matul it-trattazzjoni tal-każ, din il-Qorti għamlet l-almu tagħha biex iżżomm il-vertenza ta' bejn il-partijiet kalma u li tiġi magħrbla fuq livell oġġettiv, spassjonat u proporzjonat – u fuq kollox li l-fatti kif żvolġew jitqegħdu fil-perspettiva proprja tagħhom.

Il-Qorti tqis li f'dan il-każ, l-imputazzjonijiet kontestati lill-imputat iridu jiġu moqrija fuq perjodu ta' żmien rilevanti. Fil-fatt l-imputazzjonijiet kif korretti jagħtu spazju temporali li jvarja bejn is-16 ta' Lulju 2012 u fix-xhur ta' qabel. Il-Qorti tifhem li fix-xhur ta' qabel tinkludi ammont ta' xhur li jista' jwassal sa' sena. Altrimenti jekk il-prosekuzzjoni u l-parte ċivile riedu li l-imputazzjonijiet imorru aktar lura, l-impostazzjoni tal-istess imputazzjonijiet kienet tkun trid taqra mhux "fix-xhur ta' qabel", iżda "fix-xhur u (sena jew snin) ta' qabel". F'dan il-każ dan ma seħħx u l-Qorti għalhekk hija kostretta tanalizza dak li seħħ fis-16 ta' Lulju 2016 u għal massimu fit-tnax il-xahar ta' qabel.

Anke f'dan il-perjodu mill-provi prodotti dil-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li r-relazzjoni bejn l-imputat u l-parte civile kienet waħda vvalenata. Dan ġab miegħu konsegwenzi inevitabbli.

Din il-Qorti għandha sitwazzjoni kemxejn diffiċli quddiemha – mhux daqstant minħabba xi komplessita legali fil-każ daqskemm għall-mod kif ċerti provi ġew prodotti mill-Prosekuzzjoni. Qabel xejn tagħmilha ċara li l-Qorti hija kostretta li, fid-dawl tal-iżviluppi riċenti fil-qasam tad-dritt kostituzzjonali partiju, tiskarta kwalunkwe stqarrija jew dikjarazzjoni magħmula mill-imputat lil Pulizija jekk huwa almenu ma jkunx ġie mogħti twissija li kwalunkwe dikjarazzjoni li huwa jkun ser

jagħmel magħhom tista' tiġi prodotta bi prova kontrih jew favurih skont il-każ. Dan apparti drittijiet oħra li jiskattaw meta persuna titqies li almenu hija suspettata. F'dan il-każ dawn il-jeddijiet ma jidhrux li ġew imħarsa u dan anke kif lealment mistqarr mill-Ispettur Justine Grech.

Inoltre din il-Qorti għandha quddiemha sitwazzjoni fejn l-allegati reati (l-ewwel imputazzjoni żgur u in parti anke t-tieni imputazzjoni) seħħew b'mezzi ta' komunikazzjoni elettronika. Jidher ċar li maż-żmien, il-bniedem għaraf juża dawn il-mezzi ta' komunikazzjoni kemm b'mod għaqli kif ukoll b'mod anqas għaqli. U b'hekk il-leġislatur kellu jipprovdi għal tipoloġijiet ta' reati li jinvolvu l-użu ta' mezzi ta' komunikazzjoni. Biss dan wassal għal proċeduri li penalment joffru sfidi akbar, u dan b'mod partikolari minħabba ċerti regoli ta' proċedura u b'mod partikolari dik tal-evidenza fil-kamp tal-proċedura penali.

Mill-banda l-oħra dawn il-Qrati jridu wkoll jużaw is-sens komun u l-bwon sens tagħhom meta jiġu biex japplikaw il-Liġi proċedurali għall-fatti specie bħal dik f'dan il-każ. Altrimenti, anke minħabba ċerta intransiġenza da' parti ta' kumpaniji barranin li jipprovdu servizzi tal-internet jew programmi ta' media soċjali li jikkollaboraw mal-Pulizija Eżekuttiva jista' jkun li jekk ir-regoli proċedurali jiġu applikati b'wisq riġidita' f'dan il-kamp ikun impossibbli għall-Prosekuzzjoni tipprova l-każijiet tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Il-Qorti għalhekk trid tapplika r-regoli proċedurali b'mod li jkun jagħmel sens

għaliex altrimenti jekk ma jkunx hekk dawn il-Qrati jkunu qegħdin iħallu l-bieb miftuh għal abbuż sfrenat minn min ikun irid jikser il-Liġi billi jinqeda b'mezzi elettroniċi mingħajr ma qatt ikun jista' jiġi misjub ħati u mġiegħel iħallas għal egħmilu. Din mhix il-posizzjoni li ser tadotta din il-Qorti.

Il-Qorti għalhekk sejra tanalizza l-provi kollha miġjuba quddiemha – kemm dawk tekniċi kif ukoll dawk li ma humiex; kemm provi diretti kif ukoll provi indiretti. Imbagħad meta tagħrbel kollox tara jekk dawn il-provi jwasluhiex li tikkonkludi jekk il-Prosekuzzjoni tkunx ippruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni (u mhux b'ċertezza assoluta, naturalment).

Issa f'dan il-każ din il-Qorti ma tistax tqis li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova rabta b'saħħitha biżżejjed bejn il-messaġġi mibgħuta minn ċertu "Eric Farrugia" u l-imputat. L-evidenza li ġiet prodotta ma twassalx lil din il-Qorti tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni rnexxielha toħloq rabta biżżejjed b'saħħitha bejn il-profile imsejjaħ "Eric Farrugia" u l-imputat b'mod li din il-Qorti tkun tista tikkonkludi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li fil-fatt Eric Farrugia **<u>huwa</u>** fil-fatt l-imputat.

Biss mill-banda l-oħra meta l-Qorti qieset ukoll il-messaġġi li l-parte civile tgħid li rċeviet mingħand l-imputat u li kopja tagħhom hija preżentat u mmarkat bħala SF1, SF2 u SF3 il-Qorti tqis li hawnhekk il-

Prosekuzzjoni irnexxielha tikkonvinċi lil din il-Qorti lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li dawn il-messaġġi ġew mibgħuta mill-imputat lil parte civile. A differenza tal-messaġġi mibgħuta mis-sediċenti Eric Farrugia fuq Facebook id—dokumenti SF1, SF2 u SF3 jidhru li huma messaġġi mibgħuta direttament lill-parte civile. Dan tixhdu l-parte civile stess li tgħid ukoll li dawn id-dokumenti stampathom hi stess mill-e-mail account tagħha. Skont kif mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza ***Il-Pulizija vs David Paris*** deċiża nhar it-12 ta' Marzu 2009 mill-Imħallef Joseph Galea Debono :

> Illi ghar-rigward tal-estratti mill-e-mails u messaggi bl-SMS li esebixxa Michael Carabott, dan ikkonferma li tal-ewwel kienu gew *downloaded* minnu minn fuq il-computer tieghu w migbura kif jidher fid-dokument MC mill-folios 10 sa 14 tal-process u l-SMS messages kienu gew traskritti minnu w riprodotti fl-istess Dokument MC minn folios 6 sa 9 talprocess. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ma hemm xejn x' josta ghall-ammissibilita' ta' dawn id-dokumenti w ma kienx hemm il-htiega li jigu esebiti l-computer innifsu jew ilmobile phone ta' Carabott quddiem l-Ewwel Qorti, biex dawn l-estratti jaghmlu prova skond il-ligi, ladarba Carabott xehed bil-gurament - u bla ma gie kontradett minn xi prova kuntrarja - li kien nizzilhom u hadhom minn fuq dawn iz-zewg apparati. S' intendi mbaghad wiehed irid jara sa fejn tista' twassal din il-prova partikolarment dwar il-paternita' tat-test inkriminat.

Kwantu għall-paternita ta' dawn l-emails jirriżulta li skont dok SF1 dan jidher li ġie mibgħut minn account intestat "ferris m", nhar il-"Fri 8/19/11 9:28AM" bl-isem tal-account ikun "Mark Ferrs (mferrs175@gmail.com). Fl-aħħar ta' dan il-messaġġ jidher ukoll li

hemm intestazzjoni f'isem Mark Anthony Ferris, Kunsillier u numru ta' mobile phone 79224165.

Skont SF2 dan jidher li ġie mibgħut minn account intestat "Mark Ferrs (mferrs175@gmail.com) nhar il-"Wed 8/10/11 9:12AM".

Skont SF3 dan jidher li ġie mibgħut minn account intestat "Mark Ferrs (mferrs175@gmail.com) nhar il-"Wed 8/18/11 12:08 PM".

It-tliet dokumenti jidhru li ġew riċevuti mill-e-mail account bl-isem ta' "Silvana Ferris Borg (fancy.face.71@hotmail.com). Il-parte civile ittenni li dan huwa l-e-mail address tagħha. L-e-mail address tal-imputat huwa dak li minnu hija rċeviet dawn il-messaġġi.

Bħala fatt mhux faċli li persuna jkollha aċċess għal e-mail account ta' persuna oħra. Verament li hawn min għandu għarfien tajjeb fit-teknoloġija li jirnexxielu jidħol f'e-mail account ta' persuna oħra b'ċerta faċilita. Iżda li dan ġara f'dan il-każ ma ġiex pruvat almenu sal-grad tal-probabbli.

Din il-Qorti analizzat ukoll il-kontenut ta' dawn il-messaġġi li fil-fehma tagħha ġie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni kemm bi provi diretti kif ukoll b'dawk indiretti li dawn il-messaġġi oriġinaw mill-account tal-imputat.

Dan mhux biss għaliex ikkonfermatu l-parte civile, li kienet taf sew li l-imputat kien dak li jħaddem dan l-account iżda anke minħabba l-fatt li l-kontenut tal-messaġġi jirriflettu wkoll il-livell ta' komunikazzjoni tossika li kienet għaddejja dak iż-żmien. Għalkemm il-kontenut tal-messaġġi fid-dokumenti SF1 u SF3 ma jitfgħux dawl fuq l-identita tal-imputat, il-messaġġ fid-dokument SF2 jikkonferma lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-mittent kien l-imputat. Il-kontenut f'dan il-messaġġ jirrifletti l-ispirtu ta' konfrontazzjoni li kien jeżisti bejn il-partijiet fiż-żmien meta nkiteb u b'mod partikolari dwar aspetti finanzjarji bejn il-parte civile u l-imputat. L-istess kontenut huwa tali min kitbu kien jaf eżatt is-sitwazzjoni personali ta' bejn il-parte civile u l-imputat relattivament għall-arranġamenti finanzjarji relattivi għas-separazzjoni ta' bejniethom u tad-diffikultajiet u posizzjonijiet li kienu qegħdin jieħdu rispettivament. Fil-fehma tal-Qorti dawn huma provi li magħqudin flimkien jikkonvinċuha li l-mittent ma kien ħadd ħlief l-imputat.

Il-kontenut tat-tliet dokumenti huwa wieħed li huwa altament inġurjuż u minaċċjuż. Skont is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Alfred Grech*** : -

> 9. L-għemil kkontemplat fil-paragrafi (a) u (b) jikkonsisti fl- użu minn xi persuna ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika sabiex jikkomunika lil ħaddieħor theddida ta' għemil għall-għanijiet previsti f'dawk il-paragrafi. In vista ta' l-għanijiet hemm previsti ma hemmx dubbju li l-liġi fl-istess paragrafi qed tikkontempla għemil li bl-użu ta' xi

> network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika huwa mmirat sabiex jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor. Meta fil-paragrafu (ċ) jingħad li "jagħmel użu ieħor mhux xieraq" (sottolinear tal-qorti) isegwi li dik id-dispożizzjoni titratta minn għemil li ma jikkonsistix neċessarjament f'theddid iżda li, bl-applikazzjoni tar-regola eiusdem generis, huwa għemil ieħor li jittrasmetti lil ħaddieħor messaġġ li jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor u għaldaqstant ma hux għemil xieraq. Anki jekk, għalhekk, il-messaġġi in kwistjoni ma jitqiesux theddid iżda jitqiesu bħala messaġġi vulgari dan hu biżżejjed sabiex jinkwadraw f'dak projbit bil-paragrafu (ċ) msemmi in kwantu huma messaġġi li tal-anqas idejjqu, jivvessaw jew joffendu lil min jirċevihom u effettivament dejjqu, ivvessaw u offendew lil min irċevihom. Din hi l-konsegwenza tal-applikazzjoni korretta tar-regola eiusdem generis għall-interpretazzjoni tal-portata tal-paragrafu (ċ) msemmi.

Dan huwa egħmil li ġie ravviżat f'dan il-każ u l-Qorti għalhekk sejra ssib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni.

It-tieni reat ipotizzat huwa dak imnissel mill-Artikolu 251A ossija l-fastidju. F'dan il-każ, din l-imġieba trid tkun imġieba mifruxa fuq aktar minn okkażjoni waħda. Inċident waħdieni magħmul f'okkażjoni waħdanija mhix biżżejjed biex tintegra dan ir-reat. Irid ikun hemm *course of conduct* – ossija aktar minn episodju wieħed mifrux fuq aktar minn okkażjoni waħda u li turi ripetizzjoni. Dan joħroġ ċar minn analiżi tal-każijiet prinċipali dwar din il-materja fosthom ***Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez,***[1] ***Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini,***[2] ***Il-Pulizija vs.***

[1] Qorti tal-Appell Kriminali, 21/06/2007;
[2] Qorti tal-Appell Kriminali, 27/02/2009;

***Raymond Parnis,***[3] ***Il-Pulizija vs Julian Genovese,***[4] ***Il-Pulizija vs Joseph Buhagiar,***[5] ***Il-Pulizija vs. Brian Micallef,***[6] fost oħrajn.

F'dan il-każ, il-Qorti tqis li skont kif mistqarr fis-sentenzi ***Caruana Carabez*** u ***Tivisini***

> f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien.

Ir-retroxena li toħroġ mix-xiehda tal-Prosekuzzjoni u l-parte civile li turi element ta' tensjoni qawwija bejn l-imputat u l-parte civile li kienet ilha sejra għal perjodu ta' żmien. Matul dan il-perjodu ta' żmien ġie pruvat li kien hemm diversi episodji maħluqa mill-imġieba tal-imputat li l-parte civile tilmenta dwarhom u li kienu jinkludu:-

> Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose.

Illi skont ukoll kif mistqarr fis-sentenza ***Paris*** aktar il-fuq ċitata : -

> Ghalkemm l-*e-mails, SMS messages* u *postings* fil-*website* tal-appellant ma kienux prosegwibbli skond lartikolu 252 tal-Kodici Kriminali izda taht il-Press Act, kif fuq intqal, cio'nonostante dan ma jfissirx li dawn l-atti ripetuti ta' ingurji w theddid gravi ma kienux jikkostitwixxu ukoll l-element materjali tar-reat ta' fastidju kontemplat flartikoli 251A u 251C tal-Kodici Kriminali. Illi r-reat ta' "fastidju" (fit-test Ingliz *"harassment"*) gie

[3] Qorti tal-Appell Kriminali, 24/04/2009;
[4] Qorti tal-Appell Kriminali, 12/08/2010
[5] Qorti tal-Appell Kriminali, 24/01/2011;
[6] Qorti tal-Appell Kriminali, 14/10/2011;

> introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 u nkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 215C u 215D tal-Kodici Kriminali.
> L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik ilpersuna.
>
> Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fissubinciz (3)( c ) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Flartikolu 251C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata' : (*"alarming")* jew idejjaq: (*"causing ..distress")* lill-persuna.

Il-Qorti tqis li dan l-insenjament isib ukoll il-milja tiegħu f'dan il-każ. Il-mod kif l-imputat kien qiegħed iġib ruħu fil-konfront tal-parte civile, ma kienx wieħed li jirrispetta l-Liġi. Huwa setgħa ħassu mdejjaq bl-aġir tal-parte civile; setgħa ħassu wkoll frustrat bil-mod ta' kif kienu qegħdin jiżviluppaw l-affarijiet; setgħa ħassu rrabjat u mweġġgħa minn dik il-persuna li kienet martu. Iżda anke jekk setgħa kellu r-raġun, bl-imġieba tiegħu pruvata f'din il-kawża, fil-fehma tal-Qorti spiċċa biex fl-aħħar mill-aħħar mar minn taħt u tilfu. Kellu jkun għaqli biżżejjed u ma jħallix l-emozzjonijiet jiġru bih; iżda qabel jaġixxi jħalli lil moħħu jmexxieh u mhux lil qalbu.

# ***Decide***

Li qegħda ssib li wara li rat l-Artikoli 17 u 251A (b'applikazzjoni tal-artikolu kif kien fiż-żmien meta seħħ dan id-delitt u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 222(1) skont kif imsemmi fl-istess Artikolu, ilkoll) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta dil-Qorti qegħda ssib lill-imputat Mark Anthony Ferris ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Kwantu għall-piena li għandha tiġi inflitta, il-Qorti qieset is-sitwazzjoni ta' tensjoni qawwija li kien hemm bejn il-partijiet dak iż-żmien iżda mill-banda l-oħra ma tistax twarrab l-effett negattiv fuq il-parte civile b'dan l-aġir mhux għaqli tal-imputat.

Il-Qorti wara li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ hija tal-fehma li jeżistu l-elementi rikjesti mill-Liġi taħt l-Artikoli 7(2) u 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tenut kont tax-xorta tar-reat u ċ-ċirkostanzi li seħħew fih, il-Qorti tqis li mhux spedjenti li twaħħal piena, iżda li għandhom jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk qegħda tagħmel ordni li biha tillibera lill-ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor matul il-perjodu ta' sentejn mid-data tal-lum.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-ordni għall-

liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jekk jagħmel reat ieħor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-ħati jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Inoltre qegħda tikkundannah ukoll għal multa fl-ammont ta' elfejn u ħames mitt euro (€2500).

Apparti dan wara li rat l-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali, sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Silvana Ferris (Borg) u l-familjari tagħha qegħda toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-ħati skont id-digriet li qiegħed jiġi anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha u dan għal perjodu ta' sentejn millum b'dan li l-ħati huwa projbita milli **b'kull mod** inkluż permezz tat-telefon jew b'xi mod ieħor jimmolesta, jivvessa, idejjaq jew tiffastidja lil Silvana Ferris (Borg) u l-familjari tagħha, ben intiż pero li dan l-ordni qiegħed isir mingħajr ħsara għad-drittijiet tal-imputat *si et quatenus* applikabbli li jeżerċita bħala missier tal-minuri Mariah Silvana Ferris skont il-Liġi u skont deċiżjonijiet tal-Qrati kompetenti.

***Mogħtija fil-Qrati tal-Ġustizzja, il-Belt Valletta, illum, 19 ta' Lulju 2016.***

***Aaron M. Bugeja***

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## ORDNI TA' PROTEZZJONI

*(SKONT L-ARTIKOLU 412 Ċ TAL-KAP 9 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)*

**MAĠISTRAT *Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**ILLUM *19.vii.2016***

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Jurgen Vella)**
**vs**
**Mark Anthony Ferris**

Il-Qorti,

Wara li rat l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Tordna l-ħrug t\`Ordni ta' Protezzjoni kontra l-ħati **Mark Anthony Ferris** li joqgħod Shalom, Flat 1, Triq Valletta, Paola, detentur tal-karta tal-identita' numru 247272(M) taħt il-kundizzjonijiet segwenti u ċioe\` li ai termini tal-Artikolu 412Ċ(3) tal-Kodiċi Kriminali:

a) Tipprojbixxi l-ħati milli **b'kull mod,** kemm direttament kif ukoll indirettament, inkluż permezz tat-telefon jew b'xi mod ieħor jimmolesta, jivvessa, idejjaq jew jiffastidja lil Silvana Ferris (Borg) u l-familjari tagħha; ben intiż pero li dan l-ordni qiegħed isir mingħajr ħsara għad-drittijiet tal-imputat *si et quatenus* applikabbli li jeżerċita bħala missier tal-minuri Mariah Silvana Ferris skont il-Liġi u skont deċiżjonijiet tal-Qrati kompetenti;
b) Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ ghal perjodu ta' sentejn;
c) Jekk mingħajr raġuni valida il-ħati jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu jista' jekk jinstab ħati jeħel multa ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sitt (6) xhur jew it-tnejn flimkien.

***Il-Ħati***

***Maġistrat***